# Kan. Joe Abela



Il-Kanonku Joe Abela B.A. (Hons.) Lic. D. huwa l-istoriku ewlieni dwar iż-Żejtun u l-wirt tiegħu. Permezz tar-riċerka professjonali u studji tiegħu għandna stampa ċara tal-wirt storiku, soċjali, reliġjuż u edukattiv taż-Żejtun tul dawn l-aħħar sitt mitt sena. Tana wkoll tagħrif mill-aktar interessanti dwar iż-Żwieten l-aktar prominenti tul dawn is-snin. Huwa għalhekk xieraq li f'din is-sena ċentinarja nwasslu ftit mit-tagħrif li ġabar dwar il-wirt artistiku b'konnessjoni ma' Santa Katerina kemm f'Malta kif ukoll fiż-Żejtun. Dan biex infakkru l-ġieħ lejn Santa Katerina V.M. u b'ħajr lill-Kanonku Joe Abela għall-impenn kostanti tiegħu b'riżq wirt iż-Żejtun.

Dun Joe Abela twieled fiż-Żejtun fl-1931 fi ħdan familja li rat membri tagħha fost l-ewwel soċi ta' l-Għaqda Banda Żejtun. Wara li spiċċa l-istudji tiegħu fil-Liċeo, kompla fl-Università ta' Malta, fejn iggradwa B.A. (Hons.) fil-Lingwa u Letteratura Ingliża u Lic. D. fit-Teoloġija. Ġie ordnat saċerdot fl-1956 u kompla l-istudji tiegħu fl-Università Gregorjana, Ruma, fejn iggradwa fl-Istorja tal-Knisja.

Dun Joe għallem l-Ingliż u l-Istorja ta' Malta u ta' l-Ewropa għal aktar minn tletin sena fis-Seminarju, u l-Istorja tal-Knisja lir-Reliġjużi. Wara li spiċċa mit-tagħlim, ġie maħtur Awditur fit-Tribunal Ekkleżjastika ta' Malta u Kanonku fil-Kolleġġjata ta' Bormla, fejn illum għandu l-kariga ta'penitenzier.

L-Istorja taż-Żejtun u tal-Knisja Maltija minn dejjem kienu s-suġġetti l-aktar għal qalbu. Għalhekk hu kiteb numru kbir ta' artikli fuq dawn is-suġġetti. Barra minn hekk, hu ppubblika diversi monografiji, bħal *Il-Parroċċa taż-Żejtun fis-Seklu XV* u *Iż-Żejtun Mitt Sena Arċipretali*. Hu wkoll l-awtur tal-ktieb *300 Sena Ilu*, li jittratta dwar it-tqegħid ta' l-ewwel ġebla tal-knisja parrokkjali taż-Żejtun fl-1692, u tal-ktieb *Mitt Sena Ilu f'M'Xlokk*, dwar il-ħajja f'Marsaxlokk meta dan ġie mwaqqaf bħala parroċċa għadlih, indipendenti minn dik taż-Żejtun, fl-1897, *Marsascala*, l-istorja ta' Wied il-Għajn, u *Triqat iż-Żejtun*. Ippubblika *Il-Ġimgħa l-Kbira f'Bormla* f'erba' lingwi u hu traduttur ta' l-Ingliż tas-serje *Teżori fil-Knejjes Maltin*.

Fl-2000 il-Kunsill Lokali taż-Żejtun onora lill-Kanonku Joe Abela b'Ġieħ iż-Żejtun.